



UNJONI EWROPEA

IL-PARLAMENT EWROPEW

IL-KUNSILL

**Brussell, 14 ta' Marzu 2019
(OR. en)**

2018/0298 (COD)

PE-CONS 13/19

**MAR 13
PREP-BXT 19
CODEC 172**

ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: **REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li
jemenda r-Regolament (KE) Nru 391/2009 fir-rigward tal-ħruġ tar-Renju
Unit mill-Unjoni**

REGOLAMENT (UE) 2019/...
TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

ta' ...

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 391/2009
fir-rigward tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 100(2) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġislattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew¹,

Wara li kkonsultaw il-Kumitat tar-Regġuni,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja²,

¹ ĠU C 62, 15.2.2019, p. 298.

² Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Marzu 2019 (għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u deċiżjoni tal-Kunsill ta'

Billi:

- (1) Fid-29 ta' Marzu 2017, ir-Renju Unit ippreżenta n-notifika tal-intenzjoni tiegħu li joħroġ mill-Unjoni, skont l-Artikolu 50 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. It-Trattati ma jibqgħux japplikaw għar-Renju Unit mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' ftehim dwar il-ħruġ jew, fin-nuqqas ta' dan, sentejn wara dik in-notifika, jiġifieri mit-30 ta' Marzu 2019, sakemm il-Kunsill Ewropew, bi qbil mar-Renju Unit, ma jiddeċidix b'mod unanimu li jestendi dak il-perjodu.
- (2) Ir-Regolament (KE) Nru 391/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹ u d-Direttiva 2009/15/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill² flimkien jikkostitwixxu l-qafas regolatorju għall-attivitajiet tal-organizzazzjonijiet rikonoxxuti għall-ispezzjoni, il-perizji u ċ-ċertifikazzjoni tal-vapuri.
- (3) Skont l-Artikolu 8(1) tar-Regolament (KE) Nru 391/2009, l-organizzazzjonijiet għall-ispezzjoni, il-perizji u ċ-ċertifikazzjoni tal-vapuri rikonoxxuti fil-livell tal-Unjoni mill-Kummissjoni (“organizzazzjonijiet rikonoxxuti”) għandhom jiġu vvalutati fuq bażi regolari u tal-anqas kull sentejn mill-Kummissjoni, flimkien mal-Istat Membru li jkun ressaq it-talba rilevanti għar-rikonoxximent tal-organizzazzjoni.

¹ Ir-Regolament (KE) Nru 391/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar ir-regoli u l-istandards komuni għall-organizzazzjonijiet għall-ispezzjoni u l-perizji tal-vapuri (ĠU L 131, 28.5.2009, p. 11).

² Id-Direttiva 2009/15/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar ir-regoli u l-istandards komuni għall-organizzazzjonijiet għall-ispezzjoni u l-perizji tal-vapuri u għall-attivitajiet rilevanti tal-amministrazzjonijiet marittimi (ĠU L 131, 28.5.2009, p. 47).

- (4) Għal raġunijiet ta' trattament ugwali, organizzazzjonijiet li inizjalment kienu rikonoxxuti mill-Istat Membru rilevanti skont id-Direttiva tal-Kunsill 94/57/KE¹ u li bħalissa jgawdu r-rikonoxximent tal-Unjoni skont l-Artikolu 15(1) tar-Regolament (KE) Nru 391/2009 għandhom jiġu vvalutati mill-Kummissjoni flimkien mal-Istat Membru li inizjalment irrikonoxxa dawk l-organizzazzjonijiet.
- (5) F'konformità mal-Artikoli 7 u 8 tar-Regolament (KE) Nru 391/2009, sabiex ikomplu jibbenefikaw mir-rikonoxximent tal-Unjoni, l-organizzazzjonijiet rikonoxxuti jridu jkomplu jissodisfaw ir-rekwiżiti u l-kriterji minimi stabbiliti fl-Anness I għal dak ir-Regolament. Dan huwa vverifikat permezz ta' valutazzjoni kontinwa mwettqa mill-Kummissjoni, flimkien mal-Istat Membru rilevanti, skont l-Artikolu 8(1) ta' dak ir-Regolament. Għalhekk, il-valutazzjonijiet regolari għandhom rwol importanti għar-rikonoxximent kontinwat tal-organizzazzjonijiet.
- (6) Wara l-ħruġ tiegħu mill-Unjoni, ir-Renju Unit mhux se jibqa' jkun jista' jipparteċipa fil-valutazzjonijiet imwettqa skont l-Artikolu 8(1) tar-Regolament (KE) Nru 391/2009.

¹ Id-Direttiva tal-Kunsill 94/57/KE tat-22 ta' Novembru 1994 dwar ir-regoli u l-istandards komuni għall-ispezzjoni tal-bastimenti u l-organizzazzjonijiet tal-perizji u għall-attivitajiet rilevanti tal-amministrazzjoniet marittimi (ĠU L 319, 12.12.1994, p. 20).

- (7) L-organizzazzjonijiet rikonoxxi li inizjalment kienu rikonoxxi mir-Renju Unit bħalissa jgawdu mir-rikonoxximent tal-Unjoni u għew fdati minn Stati Membri oħrajn bi dmirijiet fir-rigward tal-ispezzjoni, il-perizja u ċ-ċertifikazzjoni tal-vapuri, skont l-Artikolu 3(2) tad-Direttiva 2009/15/KE. L-Artikolu 8(1) tar-Regolament (KE) Nru 391/2009 jenħtiegħ għalhekk li jiġi emendat sabiex jiġi żgurat li dawk l-organizzazzjonijiet jibqgħu jkunu soġġetti għall-valutazzjoni skont ir-rekwiżiti ta' din id-dispożizzjoni.
- (8) L-obbligi ta' monitoraġġ u sorveljanza li l-Istati Membri bħalissa jridu jissodisfaw skont l-Artikolu 9 tad-Direttiva 2009/15/KE jenħtiegħ li jitqiesu wkoll. F'dan ir-rigward, jenħtiegħ li l-valutazzjoni tal-organizzazzjonijiet rikonoxxi skont ir-Regolament (KE) Nru 391/2009 titwettaq mill-Kummissjoni flimkien mal-Istat Membru jew l-Istati Membri li awtorizzaw l-organizzazzjoni rikonoxxuta rilevanti skont l-Artikolu 3(2) tad-Direttiva 2009/15/KE.
- (9) Sabiex tiġi żgurata l-koordinazzjoni tal-attivitajiet nazzjonali u tal-Unjoni fir-rigward tal-monitoraġġ ta' organizzazzjonijiet rikonoxxi, il-Kummissjoni jenħtiegħ li tikkonsulta ma' esperti u li tidentifika u tiskambja prattiki tajbin biex jiġi evitat xogħol doppju u biex isir l-aħjar użu mill-kapaċitajiet u riżorsi eżistenti.
- (10) Dan ir-Regolament jenħtiegħ li jidħol fis-seħħ b'urġenza fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u jenħtiegħ li japplika mill-jum wara dak li fih ir-Regolament (KE) Nru 391/2009 ma jibqax japplika għar-Renju Unit,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Fl-Artikolu 8 tar-Regolament (KE) Nru 391/2009, il-paragrafu 1 huwa ssoġġit b'dan li ġej:

- “1. L-organizzazzjonijiet rikonoxxuti kollha għandhom jiġu vvalutati mill-Kummissjoni, flimkien mal-Istati Membri jew Stati Membri li jkunu awtorizzawhom skont l-Artikolu 3(2) tad-Direttiva 2009/15/KE, fuq bażi regolari u tal-anqas kull sentejn, biex jiġi vverifikat li dawn jissodisfaw l-obbligi taħt dan ir-Regolament u li jissodisfaw il-kriterji minimi stabbiliti fl-Anness I għal dan ir-Regolament. Il-valutazzjoni għandha tkun limitata għal dawk l-attivitajiet tal-organizzazzjonijiet rikonoxxuti li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.”.

Artikolu 2

Il-Kummissjoni għandha tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-effetti ta' dan ir-Regolament sa mhux aktar tard minn tliet snin wara d-data tal-applikazzjoni tiegħu.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-jum wara dak li fih ir-Regolament (KE) Nru 391/2009 ma jibqax japplika għar-Renju Unit.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi ...,

Għall-Parlament Ewropew

Il-President

Għall-Kunsill

Il-President
